MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 01 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 65/2002/1

**Etienne Stephanie Camilleri**

**vs**

**Keith Ray Zammit**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet ghamlu c-cerimonja taz-zwieg bejniethom skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit mac-citazzjoni bhala Dok “A”.

Illi b’din ic-cerimonja effettivament ma nholoqx kuntratt validu ta’ zwieg u dan peress li l-istess kuntratt kien vizjat, kif previst mill-**Artiklu 19 (1) tal-Kap 255**, minhabba vizzju tal-kunsens da parti tal-partijiet u dan fit-termini tal-paragrafu (f) u (d) tal-istess artiklu;

Illi l-attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg li suppost gie celebrat bejn il-kontendenti, kif indikat fl-att taz-zwieg numru 1575 tal-1988 hu null u bla effett, u dan kif previst fl-**artiklu 19 tal-Kap 255**, minhabba vizzju tal-kunsens da parti tal-partijiet u dan fit-termini tal-paragrafu (f) u (d) tal-istess artiklu.

Bl-ispejjez ghall-kontroparti konvenuta, li qed tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici fit-3 ta' April 2002 u li ma pprezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Mejju, 2002 fejn inghata digriet tal-affidavits tal-attrici. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-1 ta' Ottubru 2002;

Rat in-nota tal-attrici li permezz taghha ezebiet l-affidavits ta' Dr George Debono, Lorrainne Bajada, Nicole Mairangas u Carmen Hardy;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. TALBA ODJERNA

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed tallega li z-zwieg taghha mal-konvenut celebrat fit-3 ta' Settembru 1988 jigi dikjarat null u bla effett stante li hija qed tallega li (a) l-kunsens taghhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll, (b) li l-kunsens taghhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu,

jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

**B. KONVENUT KONTUMACI**

Illi l-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh fit-3 ta’ April 2002 izda huwa ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u b’hekk huwa kontumaci.

**C. KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DRITT U TA’ FATT**

Illi l-attrici fl-ewwel premessa taghha ssostni li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat *ai termini* ta’ l-**artikolu 19(1)(d) tal-Kap.255**. Dan l-artiklu jghid hekk:-

“***Art.19(1) :*** *B’zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta’ dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.”*

Illi ghar-rigward tal-istess **artiklu 19(1)(d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta’ l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Il-kuncett ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju *“supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly.”*

Illi infatti l-awtur **Bersini** (**Il Diritto Canonico Matrimoniale [Torino, 1994]**) jispjega li :-

*“Per dare un valido consenso, non e’ sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e’ il matrimonio; e’ necessaria la maturita’ di giudizio*

*capace di ponderare in concreto I doveri e I diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al monento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro.Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che I contraenti abbiano raggiunto l'eta' prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio".*

Illi hu ghalhekk importanti li jkun hemm maturita' li tippermetti lill-persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha l-hajja mizzewga cioe' li jkunu qed jaghtu u jircievu lil xulxin, permezz ta' unjoni guridika, *"in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* (Viladrich, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated [Montreal,1993],p.686).

Illi rigward l-**artikolu 19(1)(f)** dan ighid :-

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi inoltre fis-

sentenza **“Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe”** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:

“*Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*”.

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); u **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000).

Illi l-attrici fid-dikjarazzjoni guramentata taghha sostniet li hi u l-konvenut damu erba’ snin gharajjes ghalkemm l-ahhar sena u nofs kienet imharbta ghax ommha kellha marda terminali u dak iz-zmien fi kliemha stess *“prattikament ma kont qed nara xejn hlief l-idea wahda li nuriha li zzewwigt u meta taghlaq ghajnejha tkun kuntenta.”*

Illi dak iz-zmien xehdet li hi u l-konvenut kellhom diffikultajiet izda hi ma kienitx qed taghti daqstant attenzjoni ghall-problemi ghax aktar xtaqet li sserrah ras ommha li tkun mizzewga milli kwalunkwe aspett iehor tal-hajja mizzewga. Imbaghad spjegat li fl-ewwel sena taz-zwieg id-diffikultajiet ma naqsux u wara sena zewgha qalilha li ried jitlaq imma mbaghad intervenew il-familjari u rrangaw. Il-perjodi tajbin kienu limitati u kienu madwar l-ewwel tarbija. Sa hames snin wara z-zwieg kienu diga’ bdew jisseparaw.

Illi fl-affidavit tieghu **Dr.George Debono** xehed li Etienne Stephanie Camilleri kienet pazjenta tieghu f'Ottubru 1988 fejn kien irrilaxxja certifikat fejn iddikjara li kienet ghaddejja minn stat dipressiv wara li ommha kienet mardet serjament u kienet qeghda fi stat li tmut. Huwa kompla li dak iz-zmien kien anki ta parir lill-attrici biex ghal ftit zmien tieqaf mix-xoghol. Wara li Stephanie u Keith izzewgu ix-xhud kien rahom ftit wara. Huma kienu marru d-dar tieghu u dehru inkwetati u kien jidher li kellhom xi problema matrimonjali.

Illi hu kellimhom separatament. Keith qallu u tah x'jifhem li kien qed ihoss li r-relazzjoni kienet spiccat u li ma kienx ghad hemm imhabba. Meta staqsieh ghaliex izzewweg irrispondieh li dak iz-zmien kien hassu qisu obbligat peress illi kienu ghaddejjin minn dik il-problema li omm Stephanie kienet qeghda fil-punt li tmut u fil-fatt kienet mietet xi xahrejn wara li zzewgu. Huwa hassu li ma setax ihassar iz-zwieg b'dak il-mod f'dak iz-zmien. Imbaghad Dr Debono qal illi Keith tah x'jifhem ukoll illi kien daqsxejn "naïve" fis-sitwazzjoni, fis-sens illi seta' hareg minnha.

Illi wara li kellem lill-konvenut ix-xhud ta x'jifhem lill-attrici illi kien hemm problema serja fiz-zwieg u mhux xi haga li tista' tirranga ruhha malajr. Hi ma kienitx konxja mis-sitwazzjoni kompleta. Ftit zmien wara Keith mar ikellmu l-*clinic* fejn qallu li ma setax ihoss li seta' jkompli ma' martu ghax ma kien hemm l-ebda sinjal ta' mhabba.

Illi fl-ahharnett qal li qabel ma zzewget, meta raha f'Ottubru 1988, hija kienet qed issofri minn stat dipressiv u ansjeta' Dan l-istat kien mahluq mis-sitwazzjoni gravi ta' ommha illi attwalment kienet mietet xi xahrejn wara li kienu zzewgu. Hija kienet attakkata hafna m'ommha u hassitha hafna u din kienet sitwazzjoni li lil Stephanie kienet gabitha f'dak l-istat dipressiv. Inoltre' spicca billi qal *"illi meta wiehed ikun fi stat dipressiv il-gudizzju ta' persuna tista' tigi menomata."*

Illi missier l-attrici, **Alfred Camilleri**, xehed li sar jaf bil-problemi li kellhom fiz-zwieg wara tlett snin u sar jaf minghand oht il-mara tieghu. Keith mar ikellmu l-hanut u

qallu li hu ma kien qed ihoss xejn ghal bintu u li hi kienet l-ewwel tfajla tieghu u li ghaggel biex jizzewweg.

Illi **Lorrainne Bajada** xehdet li hi trabbiet flimkien mal-attrici u baqghu hbieb sallum. Anki ommijiethom kienu hbieb. Lil Stephanie tiftakarha tohrog ma' Keith u kienu johorgu flimkien. Fl-ahhar sena qabel iz-zwieg tiftakar li kienet marditilha ommha. Hi kienet taraha aktar ikkoncentrata fuq ommha milli tipprepara biex tizzewweg. Hi kienet naqset hafna u kellha *breakdown* fuqha. Meta zzewget hi ma kienitx tidher kuntenta ghax kienet taf illi se titlef lil ommha fi ftit xhur. Wara li zzewgu huma baqghu hbieb u kienu johorgu jieklu f'okkazzjonijiet u darba minnhom stednithom biex iqattghu *weekend* ghandhom. Hi ma rathomx *close* bhala koppja kif suppost ikunu koppja fl-ewwel sena taz-zwieg taghhom. Hi semmiet ukoll li f'xi okkazzjoni l-konvenut qal li kellu lil xi hadd iehor f'hajtu. Ir-relazzjoni kienet bdiet qabel iz-zwieg u kompliet wara. Hi ma qalitx lil Stephanie b'dan.

Illi **Nicole Mairangas**, kugina tal-attrici, xehdet li fis-sena li Stephanie kienet se tizzewweg kienet naqset hafna ghax kienet tahseb biss f'ommha. Hija riedet tizzewweg ghax ommha xtaqet li tara lil bintha *settled* qabel ma tmut. Hija b'hekk riedet tikkuntentaha. Wara ftit xhur l-attrici qaltilha li kienu se jisseparaw u li l-affarijiet ma setghux jitrangaw. Imbaghad kulhadd ipprova jghinhom u marru lura d-dar flimkien.

Illi x-xhud qalet li fl-ewwel sena taz-zwieg kienet rat lill-konvenut darba s-Sibt wara nofsinhar ma' mara ohra, pero' dak iz-zmien ma kienitx hasbet hazin fih. Wara tlieta jew erba' snin l-attrici kienet tqila bit-tieni tarbija x-xhud kienet tahdem ma' Keith u hi kienet semghet xnighat u rat hi stess li hu kellu relazzjoni ma' mara ohra. Ix-xhud rathom flimkien fi tlett okkazzjonjijiet. Keith illum ghadu jghix ma' Sue u ilhom flimkien xi tmien jew disa' snin.

Illi **Carmen Hardy**, iz-zija tal-attrici, ikkorroborat dak li qalu x-xhieda l-ohra u xehdet li l-attrici gieli fethet qalbha dwar il-problemi li kellha ma' zewgha.

Illi mill-provi prodotti m'hemm l-ebda dubju li l-attrici dahlet ghaz-zwieg biex tikkuntenta lil ommha li kellha marda terminali. Ommha infatti kienet uriet ix-xewqa li tara l-unika bint taghha mizzewga qabel ma tmut u peress li l-attrici ma rieditx tiksrilha qalbha hekk ghamlet, nonostante li kif hi stess ammettiet fid-dikjarazzjoni guramentata taghha li kien hemm certu diffikultajiet bejniethom izda fl-ahhar sena u nofs kienet imharbta minhabba l-inkwiet t'ommha u ma tatx kaz ghall-problemi. Hi ma kkunsidrat xejn izjed. Ix-xhieda kollha qalu li f'dik is-sena tal-marda t'ommha hi kienet naqset u kellha *breakdown*. Infatti dan gie kkonfermat minn Dr George Debono li xehed li l-attrici kienet qed issofri minn *depression* qabel ma zzewget u tenn *"..illi meta wiehed ikun fi stat depressiv il-gudizzju ta' persuna tista' tigi menomata".* B'hekk irrizulta illi l-attrici fil-mument li tat il-kunsens taghha kellha nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju proprju minhabba l-ansjeta' li kienet ghaddejja minnha dak iz-zmien. Kif ukoll, illi hi ma kkunsidratx x'kienet tinvolvi l-hajja mizzewga.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-**artikolu 19(1)(f)** huwa relevanti dak li inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A.(NA) 15 ta' Marzu 2000) u cioe' :-

*"Il-kunsens taz-zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkreja fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin."*

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wahda mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero' bl-atti tieghu qabel u fil-bqija tal-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga … ... jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga … ...".*

Illi anki l-konvenut stess ma' Dr George Debono stqarr li zzewgu u li hu kien ihoss li r-relazzjoni kienet spiccat u li

ma kien hemm l-ebda imhabba. Hu qallu li dak iz-zmien hassu obbligat li jizzewwigha peress illi kienu ghaddejjin minn dik il-problema t'ommha u hassu li ma setax ihassar. Din in-nuqqas ta' mhabba spikkat fir-relazzjoni taghhom ghax anki x-xhud Lorrainne Bajada nnotat dan kollu. Inoltre' hu evidenti wkoll ghax l-istess konvenut qabad relazzjoni ma' haddiehor u sa anki mar ighix maghha u ilhom snin flimkien. Nicole Mairangas xehdet ukoll li meta l-attrici kienet tqila bit-tieni tarbija hu ma riedhiex u ma kienx entuzjast ghat-twelid ta' l-istess. L-istess gurnata li kienet se twelled hu ried imur jiekol barra ma' shabu u qalilha biex iccempillu meta kienet se twelled. Hi qaltlu li jekk ma kienx se jmur l-isptar maghha lanqas ghat-twelid ma kien se jkun hemm u b'hekk mar. Kwindi anki l-kunsens tieghu rrizulta li kien vizzjat *ai termini* ta' l-**artiklu 19 (1)(f)**.

Illi kwindi rrizulta illi fil-mument taz-zwieg il-kunsens li tat l-l-attrici kien wiehed invalidu a bazi tas-**sub-artikolu (d) ta' l-Artiklu 19 (1) tal-Kap. 255**, kif ukoll li dak tal-konvenut kien wiehed vizzjat *ai termini* tas-**sub-artiklu (f) ta' l-imsemmi artiklu 19(1).**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti kif indikat fl-att taz-zwieg numru 1575 tal-1988 hu null u bla effett stante li l-kunsens tal-attrici kien vizzjat *ai termini* tal-**Artiklu 19(1)(d) tal-Kap 255** tal-Ligijiet ta' Malta u tal-konvenut kien vizzjat *ai termini* ta' l-**Artiklu 19(1)(f) tal-Kap.255** tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**1 ta' Ottubru 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**1 ta' Ottubru 2002.**